**Jum il-Helsien 2011**

Wara li fir-Regatta tal-Vitorja 2010, id-Distrett ta' Birzebbuga ma gabar l-ebda punt, la fil-Kategorija A u lanqas fil-Kategorija B, ghar-Regatta ta' Jum il-Helsien il-qaddiefa ghamlu l-almu kollhu taghhom biex jergghu igibu xi unur lejn Birzebbuga. Fil-fatt dan l-ghan intlehaq meta fil-Kategorija B, id-distrett ta' Birzebbuga irnexxielhom jidhol fit-tieni post fit-Tigrija ghad-Dghajjes tal-Pass b'zewgt imqadef, bil-crew kompost minn Joseph Cremona u Peter Cremona u t-tielet post fit-tigrija tal-Kajjiki. Hawnhekk il-crew kien Ryan Degiorgio u Alan Meli. B'hekk Birzebbuga gabret 16 il-punt u spiccat fir-raba post fil-klassifika tal-Kategorija B. Dan kien l-ahjar rizultat f'dawn l-ahhar erba' regatti.

**Containers f'Wied il-Buni**

Sa dan it-tant, il-Kumitat baqa' ghaddej bil-hidma tieghu sabiex il-klabb ikollhu l-bazi tieghu gewwa Birzebbuga. Biex tissolva temporanjament din il-problema, regghet nibtet l-ideja biex id-dghajjes jitqeghdu gewwa *containers*. Dwar dan saret korrispondenza mal-Kunsill Lokali, fejn il-Kunsill ta' l-permess tieghu biex jitpoggew zewg *containers* fil-*parking area* ta' Wied il-Buni. Zvillup importanti kien meta l-kumpanija Malta Freeport, offriet bicca art fil-*parking area* riservata ghalijha, fiz-zona ta' Wied il-Buni (biswit is-Sailing Club), sabiex go fijha jitpoggew zewg *containers*. Din il-kumpanija, li hija wkoll l-i*sponsor* ufficjali tal-klabb, offriet ukoll zewg *containers*. Fl-ahhar gimghat ta' Gunju beda ix-xoghol biex titwitta l-art u fl-24 ta' Gunju 2011, il-*containers* tpoggew f'posthom. Wara saru diversi xogholijiet ohra, fejn il-membri tal-kumitat hadu hsieb li l-*containers* jinzebghu u jsiru xi alterazzjonijiet fuqhom. Fil-frattemp kompla ghaddej ix-xoghol ta' kostruzzjoni taht is-supervizjoni tal-President tal-klabb, Ian Farrugia. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'ghoti ta' konkos u tarmac fl-art tal-bitha magenb il-*containers*, u bini ta' hajt madwar il-*containers* u l-bitha.

Nhar il-Hamis 7 ta' Lulju 2011, gew imnizzla tlett opri - frejgatina, kajjik u tal-pass - mill-mahzen tal-Belt ghal Birzebbuga, filwaqt li nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2011, wara nuqqas ta' erba' snin, regghu gew varati l-opri tar-Regatta gewwa l-bajja ta' Birzebbuga. Il-Hamis, 28 ta' Lulju ingarret lejn Birzebbuga id-Dghajsa tal-Pass, 22 ta' Frar. L-ghada 29 ta' Lulju 2011, din giet varata ghall-ewwel darba fil-bahar ta Birzebbuga. Mal-containers gie mwahhal ukoll arblu tal-bnadar, sabiex nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju 2011, ghall-ewwel darba fl-istrja tal-Klabb, bandiera Maltija telghet tperper mal-mahzen tar-Regatta. Il-Pass li jmiss kien li titwahhal tabella fuq dawn il-containers. Din it-tabella bil-kliem 'Klabb Regatta Birzebbuga – Malta Freeport' tqieghdet f'postha nhar it-Tlieta 16 t'Awwissu.

**Birzebbuga tirtira mir-Regatta ta' Jum il-Helsien 2012.**

Diversi cirkostanzi wasslu biex id-distrett ta' Birzebbuga ma jippartecipax fir-Regatta ta' Jum il-Helsien 2012. Din hija l-istqarrija li hareg il-Kumitat biex jispjega id-decizjoni tieghu:-

**Stqarrija mill-Kumitat tal-Klabb Regatta Birzebbuga Freeport**

**Regatta ta' Jum il-Helsien 2012**

B'dispjacir kbir, il-kumitat tal-Klabb Regatta Birzebbuga Freeport qieghed javza li mhux ser jippartecipa fir-Regatta ta' Jum il-Helsien 2012. Ic-cirkostanzi sabiex ittiehdet din id-decizjoni difficli kienu:-

Wara r-regatta ta' Jum il-Helsien 2011 beda jsir ix-xoghol fuq il-moll tad-Dwana, bil-kosegwenza li dan ma baqax iktar accessibli. Ghal daqs tant il-Klabb ma setax juza il-mahzen li ghandu vicin id-Dwana ghat-tahrig, peress li ma kellhux access biex ivara l-opri fil-bahar.

Bil-kollaborazzjoni tal-Malta Freeport, il-klabb ghandu wkoll *premises* gewwa Birzebbuga, li jikkonsistu f'zewg *containers*. Ghar-regatta tal-Vitorja 2011, it-tahrig sar gewwa Birzebbuga u l-hsieb kien li anki ghar-Regatta ta' Jum il-Helsien it-tahrig isir fil-lokal. Izda sfortunatament, diversi qaddiefa - li huma mdorrijin jaqdfu fil-Port il-Kbir - ma kienux disponibbli li jigu ghat-tahrig gewwa Birzebbuga. It-temp xejn sabih li ghamel matul ix-xitwa, kompla gerrex il-qaddiefa, anki lil dawk iz-zaghzagh minn Birzebbuga li kienu mhajra jibdew jipprattikaw dan l-isport.

Minkejja dawn id-diffikultajiet, ma jfissirx li d-Distrett ta' Birzebbuga ser jisfaxxa. Anzi il-pjan huwa li ghar-Regatta tal-Vitorja jigi mzanzan Kajjik gdid li issa wasal fix-xoghol finali. Il-Kumitat ordna wkoll daghjsa tal-pass gdida, li ser tibda tinbena dalwaqt. Pero l-kumitat qieghed iwassal sinjal car: **Jekk mhux ser ikun hemm l-ghajnuna mill-awtoritajiet koncernati biex tissolva l-problema, ta' minn fejn ser jigu varati l-opri fil-Port il-Kbir, il-Klabb ser ikollhu jiffacja triq ferm iebsa**.

Huwa mportanti hafna li d-Distrett ikollhu l-bazi tieghu gewwa Birzebbuga, izda daqs tant iehor huwa importanti li l-Klabb ikollhu post adekwat minn fejn ivara l-opri gewwa l-Port il-Kbir. Peress li l-opri tar-regatta huma delikati hafna, dawn jingarru bl-idejn, u ghalhekk is-*slipway* minn fejn jigu varati, trid tkun vicin hafna tal-mahzen. Minkejja li ahna klabb relattivament zaghzugh, nemmnu li jekk ikollna l-istess facilitajiet bhall klabbs l-ohra, inkunu nistghu nikkompetu fuq l-istess livell. Fir-Regatta tal-Vitorja 2008 urejna li kapaci naghmlu dan, meta irbahna ix-*Shield* tal-Kategorija B.

**Il-Kumitat**
**Klabb Regatta Birzebbuga Freeport**

Minkejja dawn il-problemi kollha, il-Kumitat baqa ghaddej bil-hidma tieghu. Saret pressjoni kbira fuq l-awtoritajiet biex tinstab soluzzjoni ghal-problema tal-Mahzen gewwa l-Port il-Kbir. Sa dan it-tant xi qaddiefa bdew t-tahrig ghar-Regatta tal-Vitorja f'Wied il-Buni, peress li fis-sajf ikun iktar facli li d-dghajjes jigu varati minn hawn. Izda regghet giet iffacjata il-problema li hafna qaddiefa ma riedux jinghaqdu mad-Distrett ta' Birzebbuga, galadarba ma setax isir tahrig gewwa l-Port il-Kbir. Madanakollhu ghar-Regatta tal-Vitorja 2012 Birzebbuga kienet lesta li tippartecipa b'sitt opri. Izda l-kumitat ghamila cara li jekk ma kienx se jkun hemm risposta pozittiva rigward mahzen fil-Port il-Kbir, Birzebbuga kienet ser terga tirtira mir-Regatta.

L-affarjiet bdew jiehdu xejra pozittiva meta l-Kunsill Malti ghall-isport beda jaghti indikazzjoni li l-Klabb kien ser jinghata Mahzen lejn in-naha ta' l-Isla. Kien nhar il-Hamis 6 ta' Settembru 2012 meta l-Kunsill Malta ghall-Isport flimkien ma ufficjali tal-Lands ghaddew ic-cwievet ta' Mahzen gewwa Bormla, vicin id-Dock 1.Ghalhekk id-Distrett ta Birzebbuga ippartecipa fir-Regatta tal-Vitorja 2012 f'sitt tigrijiet, dawk tal-Frejgatini, Kajjiki u ta bi tnejn fil-Kategoriji A u B. Sfortunatament il-qaddiefa ta Birzebbuga naqqsu li jidhlu fl-ewwel tlett postijiet u Birzebbuga spiccat minghajr ma rebhet l-ebda punt.

Ir-Regatta ta Jum il-Helsien 2013 ma saritx fil-31 ta' Marzu 2013 ghax dakinhar inzerta l-Ghid il-Kbir u minflok saret fit-23 ta Marzu 2013. Ghall din ir-Regatta Birzebbuga hadet sehem f'zewg tigrijiet biss, dik tal-Frejgatini u Ta Bi Tnejn. Fir-Regatta tal-Vitorja 2013 id-distrett ta' Birzebbuga rega beda jiehu r-ruh meta numru sabih ta zaghzagh bdew jitharrgu fid-dghajjes ta Birzebbuga. Ghall-Vitorja, Birzebbuga hadet sehem fi tmien tigrijiet. Ghalkemm ma ntrebah l-ebda Palju kien hemm arja ta ottimizmu fil-Klabb ta Birzebbuga, ghax il-futur deher li ser ikun wiehed pozittiv.

**<u>Zewg opri godda</u>**

Minkejja id-diffikultajiet kollha, f'dan il-perjodu difficli gew mibnija zewg dghajjes godda ghad-Distrett ta' Birzebbuga. Dawn kienu l-ewwel zewg opri tar-Regatta mibnija mill-Imghallem minn Birzebbuga Mario Aquilina. Il-Kajjik Guzi r-Ratal gie mbierek fit-8 ta' Dicembru 2012 u gie regalat minn Mario Aquilina stess. Dan il-kajjik gie msemmi ghall-Imghallem Guzi Aquilina (maghruf bhala r-Ratal) li huwa missier l-Imghallem Mario Aquilina. Fl-1 ta' Mejju 2014 giet imbierka Dghajsa tal-Pass li inghatat l-isem ta' Centinarja. Din id-dghajsa giet imhallsa mill-fondi tal-Kumitat u ssemmiet Centinarja bhala tifkira ghall-Anniversarju tal-Mitt Sena Parrocca li Birzebbuga iccelebrat fis-sena 2013.

**<u>Stagun 2014 – Jirritornaw il-Paljijiet.</u>**

L-istagun 2014 fetah bir-Regatta ta' Jum il-Helsien. F'din ir-Regatta id-Distrett ta Birzebbuga irritorna bir-rebh tal-Paljijiet. Kienet regatta li l-qaddiefa ta Birzebbuga ippreparaw bis-shih ghalija fil-granet keshin tax-xitwa. Il-Paljijiet waslu fil-Kategorija B. Damian Attard u Dirk Attard bit-tmunier Ilona Cauchi, dahlu fit-tielet post. Dan il-palju jiehu importanza ikbar meta wiehed jikkunsidra li dawn iz-zewg qaddiefa huma prodott tal-Klabb u ghandhom biss 15 il-sena. Interessanti l-fatt li huma tewmin. L-istess crew m,ar tajjeb ukoll fil-frejgatina tal-Kategirija A meta dahlu fir-raba post. Il-Palju l-iehor wasal fit-tigrija tal-Pass b'erba' mqadef. Il-crew compost minn Damian Attard, Kevin Attard, Jimmy Falzon u Sean Schembri ipplejsjaw fit-tielet post. Hawn ukoll tlieta mill-erbgha qaddiefa huma prodott tal-klabb, filwaqt li Jimmy Falzon huwa wkoll qaddief registrat ta Birzebbuga. Tajjeb wiehed jaghddi kumment fuq it-tigrija tal-Kajjiki Kategorija B. Kif spiccat it-tigrija kullhadd beda jindika li l-kajjik ta Birzebbuga bil-crew Kevin Attard u Jimmy Falzon dahal fit-tieni post. Izda b'sorpriza kbira, ir-rizultat ufficjali habbar li Birzebbuga dahlet il-hames. Hawn qamu protesti kbar mill-qaddiefa u

ufficjali ta Birzebbuga. L-ispjegazzjoni kienet li peress li l-kajjik ahal ezatt mal-moll ma giex jidher fil-photo finish. Il-kumitat beda wkoll jikkonsidra li jirtira mil-kumplament tat-tigrijiet, izda b'rispett tal-qaddiefa li kien ghad iridu jaqdfu il-kumitat mar lura min din id-decizjoni. Minkejja dan ir-Regatta ta Jum il-Helsien kienet pozittiva hafna, u l-partitarji qaddiefa u kumitat irritornaw lejn Birzebbuga permezz ta carcade biz-zewg paljijiet mirbuha.

Wara Jum il-Helsien kien imiss ir-Regatta tal-Youths jew kif inhu iktar maghrufa bhal l-Under 18. Wara nuqqas ta hames snin Birzebbuga regghet hadet sehem f'din ir-Regatta ferm importanti u zaghzagh Birzebbugin ghamlu tigrijiet sbieh fejn sahansitra intrebah Palju tat-tieni post fit-Tigrija tal-Frejgatini.

L-ikbar avveniment tas-sena bhas-soltu kien ir-Regatta tal-Vitorja. Id-Distrett ta Birzebbuga ha sehem fi tmien tigrijiet, 3 fil-Kat A u 5 fil-Kat B. Fil-Kategorija A wasal Palju fit-Tigrija ta' l-Erbgha fejn id-Dghajsa ta Birzebbuga dahlet fit-Tielet post. Fil-Kategorija B, il-Frejgatina ta Birzebbuga regghet ghamlet tigrija mill-isbah u dahlet fit-tieni post wara taqtiegha ecitanti mal-Frejgatina tal-Marsa.

B'hekk l-istagun 2014 jista jitqies bhala stagun ferm pozittiv ghaliex matulu intrebhu 5 paljijiet: tnejn tat-Tielet f'Jum il-Helsien, wiehed tat-Tieni fl-Under 18 u wiehed tat-Tieni u iehor tat-Tielet fil-Vitorja. Dawn il-Paljijiet waslu b'qaddiefa li huma prodott tal-Klabb taghna.